MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 22/2007

**Rocco Dimech u wliedu Joseph Dimech, Marthese Tonna u Eileen Buhagiar, rispettivament bil-karta ta' l-identita` numru 764132(M), 623861(M), 623961(M) u 187864(M)**

**vs**

**Sandro Agius u martu Carmen Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti datat 10 ta' Jannar 2007 u d-dokumenti l-ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar 2007.

Rat li permezz ta' l-Avukat taghhom Dr Joseph P Bonnici l-intimati ecceppew li ghandhom eccezzjonijiet x'jaghtu, fis-sens kif indikat fil-verbal tas-seduta tallum, u l-Qorti thoss li tali eccezzjonijiet mhux gustifikabbli *prima facie*

abbazi ta’ l-artikolu 170 (1) tal-Kap 12, u ghalhekk mhux il-kaz li taghti lill-intimati l-opportunita li jipprezentaw tali eccezzjonijiet.

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fir-rikors jidhru gustifikati, u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti** kif dedotti fir-rikors, b’dan illi ghall-fini tat-tieni (2) talba tistabbilixxi terminu qasir u perentorju ta’ sittin (60) gurnata millum ghall-izgumbrament tal-intimati, u t-tielet (3) talba qed tigi milqugha fuq ammissjoni tal-intimati.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-9 ta’ Novembru 2006 kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------